MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Rikors Numru. 30/2004/1

**LAY LAY CO. LTD.**

vs

**L-AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-23 ta' Settembru, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti (1) ssib li, bl-imġiba tal-Awtorita'

intimata fejn naqset li toħorġilha permessi għall-iżvilupp ta' sit f'Ħal Għaxaq u fejn hedditha b'Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq li twaqqagħlha l-iżvilupp li hija għamlet sa dak iż-żmien fl-istess sit u kif ukoll bl-għażla tal-istess Awtorita' li toħroġ rifjut tat-talba għall-ħruġ tal-permessi meħtieġa, hija ġarrbet ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha taħt l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u tal-artikoli 6 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (2) tagħti kull rimedju opportun lill-istess rikorrenti, magħdud fosthom ordni lill-Awtorita' intimata biex toħroġ il-permessi relativi tal-bini tal-imsemmi sit f'Ħal Għaxaq; u (3) takkordalha kumpens xieraq għad-danni li diġa' ġarrbet minħabba l-imġiba tal-Awtorita' intimta, kif ingħad qabel;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata fit-30 ta' Settembru, 2004, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li r-rikors promotur ma jiswiex għaliex il-kumpannija rikorrenti naqset li ddur għar-rimedji ordinarji disponibbli lilha qabel ma ressqet din il-proċedura. Hija ċaħdet li mxiet b'mod diskriminatorju mar-rikorrenti, u qalet li l-biċċa l-kbira mill-proċess li minnu tilminta l-kumpannija rikorrenti sar mill-*Planning Area Permits Board*, li l-Awtorita' intimata m'għandha x'taqsam xejn miegħu u lanqas m'hija suċċessur fil-jeddijiet u s-setgħat tiegħu. Ċaħdet ukoll li hija mxiet b'mod diskriminatorju mal-kumpannija rikorrenti wara l-1992, u dan għaliex kienet l-istess rikorrenti li, minħabba t-traskuraġni tagħha, naqset li tagħmel f'waqtu dak li kienet intalbet u ħalliet l-applikazzjoni tagħha għall-iżvilupp taqa'. Għalhekk, la qatt kien hemm approvazzjoni u lanqas qatt kien hemm rifjut għall-applikazzjoni tal-kumpannija rikorrenti, iżda l-proċess intelaq għal riħu mill-istess rikorrenti. Fl-aħħarnett, ċaħdet li qatt webblet lill-kumpannija rikorrenti b'xi tama jew aspettativa li l-permess għall-iżvilupp kien se' jinħareġ;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-30 ta' Settembru, 2004, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, fl-ewwel lok, qal li safejn l-imsemmija azzjoni titlob il-ħruġ

ta' permess għall-iżvilupp, din ma messhiex saret kontrih għaliex hu ma joħroġx permessi għall-bini. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-bini mtella' mill-kumpannija rikorrenti ma kienx kopert b'permess u dan il-fatt ta' illegalita' ma jista' qatt jagħti rimedju għall-ksur ta' jedd taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni. Dwar l-ilment tan-nuqqas ta' smigħ xieraq, il-kumpannija rikorrenti diġa' ngħatat tali smigħ fid-diversi proċeduri li ħadet kemm quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u kif ukoll quddiem il-Qrati Ċivili, u l-fatt li tali proċeduri ntemmu b'riżultat li ma għoġobx lir-rikorrenti ma jfissirx li kollox sar bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Lanqas jista' jingħad li kien hemm dewmien żejjed fis-smigħ tal-proċeduri, meta wieħed iqis il-volum ta' atti mressqa għall-konsiderazzjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u tal-Qorti tal-Appell u ż-żmien li ntuża mill-istess Bord u mill-imsemmija Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-1 ta' Ottubru, 2004, li bih l-Awtorita' intimata fissret l-ewwel eċċezzjoni tagħha bħala stedina biex il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha għall-finijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-20 ta' Ottubru, 2004[1], li biha qalu li kienu jaqblu li jillimitaw il-provi u t-trattazzjoni biss fuq il-kwestjoni dwar jekk il-kumpannija rikorrenti kinitx tassew ġarrbet ksur ta' xi jedd jew jeddijiet fundamentali tagħha, u li tingħata sentenza dwar dan, b'riżerva li fi stadju ieħor, jekk ikun il-każ, isiru l-provi u t-trattazzjoni dwar il-kawżali tad-danni mġarrba;

Rat in-Nota mressqa mill-Awtorita' intimata fit-22 ta' Ottubru, 2004[2], b'kopja tal-*file* relattiv dwar l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-permessi mitluba mill-kumpannija rikorrenti;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

[1] Paġ. 103 tal-proċess
[2] Paġġ. 105 sa 165 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2007[3], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-partijiet, u tathom żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' Noti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet mressqa mill-kumpannija rikorrenti fil-31 ta' Diċembru, 2007[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-3 ta' Marzu, 2008[5], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija rikorrenti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorita' intimata fit-3 ta' Marzu, 2008[6];

Rat ir-Replika mressqa mill-kumpannija rikorrenti waqt is-smigħ tat-8 ta' Mejju, 2008[7];

Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Mejju, 2008, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal sejbien ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u għall-ħarsien mill-indħil fid-dritt ta' tgawdija tal-ġid ta' dak li jkun, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kemm taħt il-Konvenzjoni. Il-kumpannija rikorrenti (aktar 'il quddiem imsejħa "LLC") kienet xtrat art fabbrikabbli ma' ħaddieħor u dan applika għal permessi biex tinbena l-art. Wara li kienet tressqet l-applikazzjoni, LLC xtrat sehem il-persuna l-oħra mill-istess art u saret sid waħdien tagħha.

[3] Paġ. 258 tal-proċess
[4] Paġġ. 259 sa 263 tal-proċess
[5] Paġġ. 266 – 8 tal-proċess
[6] Paġġ. 271 – 4 tal-proċess
[7] Paġġ. 279 – 280 tal-proċess

Sadattant sar xi bini fuq l-art bla ma kien għadhom inħarġu l-permessi għall-bini mill-awtoritajiet kompetenti. Xi snin wara, LLC reġgħet intalbet tħallas id-drittijiet meħtieġa biex jinħarġu l-permessi, imma għalkemm sar il-ħlas, il-permessi baqgħu ma nħarġux. LLC ipprovat terġa' tgħajjex il-permessi li għalihom kien applika t-terz, imma l-Awtorita' ġdida kompetenti (aktar 'il quddiem imsejħa "MEPA") mhux talli ma ħarġitx il-permessi, imma ħadet passi biex tordna t-tneħħija ta' dak li LLC kienet bniet mingħajr ma kienet koperta bil-permessi. Minkejja l-appelli li LLC ressqet quddiem il-Bord u quddiem il-Qorti, ma seħħilhiex tikseb il-permessi li riedet. Tgħid li b'dak li sar, ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq u kif ukoll li nżammet milli titħalla tgawdi l-pussess ta' ħwejjiġha kif għandu jkun;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu b'eċċezzjonijiet preliminari u wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu. Filwaqt li MEPA qalet li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża kostituzzjonali, għar-raġuni li LLC ma fittxitx ir-rimedji kollha "ordinarji" li kellha jedd għalihom, l-intimat Avukat Ġenerali qal li LLC ma qiegħda tagħmel xejn iżjed milli terġa' tiftaħ id-dibattitu mqanqal fi proċeduri li LLC kienet ħadet dwar l-istess kwestjoni. Huwa żied jgħid ukoll li, safejn LLC talbet li jinħareġ il-permess mixtieq minnha, hu ma jistax ikun il-leġittimu kontradittur ta' talba bħal dik għaliex hu ma joħroġx permessi għall-iżvilupp. Dwar il-mertu, l-intimati jisħqu li LLC ma ġarrbet l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha, għaliex ingħatat smigħ xieaq u għaliex ladarba l-bini mtella' kien wieħed illegali, ma tistax tilminta minn ksur fil-jedd ta' tgawdija ta' ħwejjiġha, meta dak il-ġid hu l-frott ta' għamil abbużiv. Fuq kollox, MEPA tgħid li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-ħidma ta' awtorita' li kien hemm qabilha dwar ħruġ ta' permessi, u tiċħad li hija qatt webblet lil LLC li kienet sejra toħroġ xi permessi: hija la qatt ċaħdet u lanqas qatt approvat applikazzjoni li, skond MEPA, kienet waqgħet minħabba li LLC nnifisha naqset li tieħu ħsieb tmexxi 'l quddiem b'għaqal;

Illi mill-<u>fatti ewlenin li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li bis-saħħa ta' kuntratt tad-9 ta' Lulju, 1984[8], fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Aġius, LLC u wieħed Joseph Carabott, kisbu mingħand Victor u Saveria miżżewġin Bellia għalqa, tal-kejl ta' madwar tomnejn[9], f'Ħal Għaxaq, fejn kienu ippjanati li jsiru toroq pubbliċi (illum Triq Ġużeppi Arena, kantuniera ma' Triq Joseph Gravina), u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Xahar wara[10], f'isem Carabott tressqet applikazzjoni mal-*Planning Area Permits Board* (*P.A.P.B.*) għall-approvazzjoni ta' żvilupp ta' bosta *garages* u mezzanini sovrapposti fl-imsemmija art[11]. F'Settembru tal-1985, Carabott biegħ kull sehem li kellu mill-imsemmija art lil LLC u dan b'kuntratt tas-6 ta' Settembru, 1985[12], fl-atti tan-Nutar Aġius. F'laqgħa li saret f'Lulju tal-1986, il-*P.A.P.B.* kien approva l-applikazzjoni[13]. Ftit taż-żmien wara, LLC kienet bdiet ittella' xi benefikati fuq l-art[14]. Fil-5 ta' Mejju tal-1987, intbagħat il-kont tal-kontribuzzjoni lil Joe Carabott[15]. Fil-15 ta' Ġunju, 1987 intbagħtitlu "*final notice*" dwar dak il-kont[16]. Billi l-kont baqa' ma tħallasx, f'Lulju tal-1987[17] intbagħtet l-aħħar twissija lil Joe Carabott biex iħallas il-kontribuzzjoni għall-formazzjoni tat-triq u għad-drenaġġ, u biex tgħarrfu li l-bini li ttella' ma kienx kopert b'permess;

Illi f'Awissu tal-1987[18], id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi talab lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu passi bil-Qorti kontra Carabott talli ttella' bini fuq l-imsemmija art bla ma kien kopert b'permess. Il-kawża nbdiet fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali f'April tal-1988, imma twaqqfet f'Novembru tal-1998, bla ma kienet ingħatat sentenza[19], sabiex ikunu jista' jinbeda l-proċess tal-eżekuzzjoni (*enforcement*) min-naħa tal-MEPA;

---

[8] Dok "AB", f'paġġ. 6 – 8 tal-proċess
[9] Li jġibu 2,248.2 metri kwadri
[10] Affidavit ta' Joseph Carabott 18.10.2004, f'paġġ. 72 – 3 tal-proċess
[11] Applik. Nru. 3674/84 (paġġ. 161 – 5 tal-proċess)
[12] Dok "AC", f'paġġ. 9 – 10 tal-proċess
[13] Paġġ. 110 (*minute* 15) u 147 – 8 tal-proċess
[14] Xhieda tal-A.I.Ċ. Anthony Fenech Vella 7.2.2005, f'paġġ. 242 – 3 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Joseph Farruġia 2.2.2005, f'paġ. 180 tal-proċess
[16] Dok f'paġ. 257 tal-proċess
[17] Dok "PAPB5", f'paġ. 65 tal-proċess
[18] Dok "PAPB4", f'paġ. 64 tal-proċess
[19] Paġ. 118 (*minute* 61) tal-proċess

Illi sadattant, f'Mejju tal-1992, id-Direttur tax-Xogħlijiet bagħat *reminder* lil Carabott dwar il-kont li kien għadu ma tħallasx[20] u tah erbgħa u għoxrin siegħa biex jirregolarizża l-pożizzjoni tiegħu. Aktar tard dak ix-xahar bagħtlu ittra uffiċjali biex jintepellah biex iħallas il-kont[21]. F'Awissu tal-1992, kien reġa' nħareġ kont għall-ħlas tal-kontribuzzjoni biex ikun jista' jinħareġ il-permess għall-iżvilupp[22]. Il-kont intbagħat lil Carabott, li f'ismu kienet tressqet l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-permessi. Carabott għadda l-kont lil Michael Axisa – rappreżentant ewlieni ta' LLC – biex isir il-ħlas. Il-ħlas sar f'Diċembru tal-1992[23] u t-Taqsima tal-kontribuzzjonijiet fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet ħarġet "*clearance*" ftit jiem wara[24]. F'Mejju u f'Awissu tal-1996[25], LLC qabbdet lil Perit tagħha ta' dak iż-żmien biex titlob lil MEPA toħroġ il-permess ladarba kien sar il-ħlas. It-talba għall-ħruġ tal-permess ma ntlaqgħetx b'ittra mibgħuta lil LLC f'Ottubru tal-1996[26];

Illi bejn l-1996 u l-1999, baqgħu jsiru laqgħat bejn LLC u MEPA dwar il-qagħda, iżda MEPA ma tat l-ebda deċiżjoni dwar jekk kinitx se' toħroġ permessi lil LLC dwar l-iżvilupp fuq l-art in kwestjoni jew le. F'Ġunju tal-1999[27], LLC ressqet protest ġudizzjarju kontra MEPA biex iżżommha responsabbli għall-ħsara li kienet tista' ġġarrab fid-dewmien tal-ħruġ tal-permessi. Dak ix-xahar stess, MEPA ħarġet kontra LLC Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq[28] dwar l-iżvilupp li kien sar minn LLC fuq l-imsemmija art;

Illi LLC ressqet appell mill-imsemmi Avviż fil-5 ta' Lulju, 1999, quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Iżvilupp. Il-Bord qata' l-appell b'deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Awissu, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ma laqax l-appell ta' LLC[29]. Minn dik id-deċiżjoni, LLC ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 2003, li, b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju, 2004[30], u għar-raġunijiet hemm

[20] Dok "ENF10", f'paġ. 60 tal-proċess
[21] Dok "ENF8", f'paġ. 58 tal-proċess
[22] Dok "ENF6", f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess
[23] Dok "A", f'paġ. 11 tal-proċess
[24] Dok f'paġ. 142 tal-proċess
[25] Dokti "B" u "Ċ", f'paġġ. 12 – 4 tal-proċess
[26] Dok "D", f'paġ. 15 tal-proċess
[27] Dok "F", f'paġġ. 17 – 8 tal-proċess
[28] ECF 1354/97
[29] Dok "Ġ", f'paġġ. 19 sa 28 tal-proċess
[30] Dok "Ħ", f'paġġ. 29 sa 42 tal-proċess

imfissra, ċaħdet l-appell ta' LLC. Fit-23 ta' Settembru, 2004, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-Qorti trid tqis huma kemm ta' xejra proċedurali u kif ukoll dawk li jolqtu l-mertu vera u proprju. Dan kollu huwa limitat bil-verbal magħmul mill-avukati difensuri tal-partijiet fis-sens li din il-Qorti għandha tistħarreġ qabel kull ħaġa oħra jekk, mill-mod kif seħħew il-ġrajjiet f'dan il-każ, jirriżultax li LLC tassew ġarrbet xi ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tagħha kif tilminta li sar;

Illi **dwar l-istedina li l-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża**, jidher li m'għandux jinħela wisq ħin. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, MEPA tgħid li din il-Qorti għandha tħaddem il-*proviso* għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* għall-artikolu 4(2) tal-Kap 319 u twarrab l-azzjoni ta' LLC għaliex din naqset li l-ewwel tfittex ir-rimedji li kellha disponibbli lilha qabel ma fetħet din il-kawża;

Illi MEPA ma fissritx sewwa x'setgħu kienu dawk ir-rimedji. Jekk kemm-il darba kienet qiegħda tirreferi għal xi proċedura interna fi ħdanha, jidher li LLC ħaditha, ukoll jekk ma kenitx qieset l-ittra tas-7 ta' Ottubru, 1996, mibgħuta mill-Perit Ċilia lill-perit ta' LLC bħala ċ-ċaħda għat-talba tagħha biex jinħareġ il-permess. Mill-atti joħroġ li LLC fittxet ir-rimedji proċedurali interni meta nħareġ l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq. L-intimat l-ieħor innifsu jargumenta li LLC diġa' fittxet rimedji oħrajn u ma waslitx fejn riedet. Din is-sottomissjoni donnha twaqqa' l-argument tal-intimata MEPA;

Illi bla ma l-Qorti toqgħod ittawwal dwar dan il-punt, tajjeb li jingħad li meta l-Qorti tkun mitluba biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' lment kostituzzjonali fuq ir-raġuni li r-rikorrent ikun naqas milli jinqeda b'rimedju ordinarju hija għandha dejjem id-diskrezzjoni li tagħżel li tibqa' tisma' l-kawża. L-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar

interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja[31]. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li, kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu[32];

Illi f'dan ir-rigward l-Awtorita' intimata, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, semmiet sensiela ta' sentenzi mogħtijin mill-Qrati dwar it-tifsira ta' rimedji ordinarji u l-għażla tal-Qorti li ma tqisx l-ilment fil-proċedura kostituzzjonali. F'dan il-każ, iċ-ċirkostanzi li jsawru l-ilmenti ta' LLC huma kemm xejn differenti minn dawk li kienu jeżistu fil-każijiet imsemmija mill-MEPA. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ilmenti mqanqlin minn LLC fil-kawża li għandha issa quddiemha jistħoqqilhom jitqiesu sewwa fi proċedura bħal din, u li l-proċeduri li kellha f'moħħha l-MEPA meta qajmet din l-eċċezzjoni ma kenux jindirizzawhom;

Illi għalhekk il-Qorti m'hijiex qiegħda tilqa' l-istedina tal-Awtorita' intimata biex ma tqisx l-ilmenti ta' LLC u għaldaqstant lanqas m'hi sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tagħha;

Illi **dwar jekk kellux jitħarrek ukoll l-Avukat Ġenerali** biex iwieġeb għall-ilmenti tal-kumpannija rikorrenti, l-imsemmi intimat jisħaq li hu ma jaħti għall-ebda lment imressaq minn LLC u lanqas jista' jagħti rimedju dwar l-ebda waħda mit-talbiet tagħha kieku l-Qorti kellha tilqagħhom. Dwar din l-eċċezzjoni LLC ma ressqet l-ebda sottomissjoni;

Illi l-artikolu 181B(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li l-Avukat Ġenerali jidher għall-Gvern f'dawk l-atti u kawżi li, minħabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern;

---

[31] P.A. Kost VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Mhix pubblikata)

[32] Ara, f'dan ir-rigward Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.268**); u Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.48**)

Illi dwar dan, il-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat kemm mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mar-rimedju xieraq li jista' jingħata għal dak il-ksur. Ilum hu stabilit li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[33]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni[34];

Illi fil-każ li għandna quddiemna LLC bl-ebda mod ma qiegħda tattakka xi liġi bħala r-raġuni li minnha jinħoloq l-ilment tagħha dwar xi ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha. F'dik l-ipoteżi, il-Gvern ikun irid iwieġeb u jirrimedja u f'dan ir-rigward l-ebda kap ta' dipartiment ma jista' jidħol minflk il-Gvern li jirrappreżenta. F'dan il-każ, l-ilment ta' LLC huwa wieħed mibni fuq l-imġiba tal-Awtorita' intimata u għalhekk il-ġudizzju huwa sħiħ biha waħedha bħala l-parti intimata;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali u tqis li ma kienx hemm għalfejn jitħarrek ukoll;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-ilmenti ta' LLC fil-mertu;

---

[33] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.56**)

[34] P.A. Kost. RCP **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Brincat et vs Avukat Ġenerali et***

Illi **<u>l-ilment tal-kumpannija rikorrenti dwar ksur tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġha</u>** jinbena fuq iċ-ċirkostanza tal-ħlas li sar biex jinħareġ permess għall-bini li baqa' ma nħareġ qatt. Hija torbot in-nuqqas ta' ħruġ ta' permess mal-binja li tellgħet fuq l-art tagħha minkejja li dak il-permess ma kienx inħareġ. LLC tgħid li hija ntalbet mill-awtorita' kompetenti li tħallas il-kontribuzzjoni għall-formazzjoni tat-triq, l-estensjoni tad-drenaġġ u għall-għoti tal-linja tal-bini, u għalhekk ladarba hija ħallset dak li ntalbet, kien minn ewl id-dinja li tippretendi li l-permess għall-bini jinħareġ. Tgħid li dik it-talba u dak il-ħlas nisslu fiha l-istennija leġittima (*legitimate expectation*) li l-permess kien sejjer jinħareġ. Min-naħa tagħha, l-MEPA tiċħad li talba bħal dik twassal tabilfors għall-ħruġ tal-permess bħala konsegwenza awtomatika tal-ħlas tal-kontribuzzjoni, u tgħid li l-ħlas huwa biss tappa oħra minn proċess li jkun irid jieħu l-kors tiegħu u li, f'kull każ, ma jagħti l-ebda jedd lill-applikant li jkun li jibda jtella' l-bini qabel ma jkun inħareġ il-permess definittiv;

Illi qabel xejn xieraq jingħad li ma huwa bl-ebda mod kontestat li LLC hija s-sid waħdien tal-art li fuqha ttella' l-benefikat li dwaru kien intalab il-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp. Jiżdied jingħad ukoll li l-pussess ta' dik l-art huwa wieħed għal kollox leġittimu. Il-pussess jikkonsisti f'titolu ta' proprjeta' sħiħa tal-art. Ma hemm l-ebda ħjiel li l-azzjonijiet li minnhom tilminta LLC jikkostitwixxu t-teħid ta' dak il-pussess: LLC kienet u għadha s-sid ta' dik l-art u lanqas ma ttieħdu xi proċeduri għat-teħid tagħha mill-Gvern. Il-kwestjoni li tqum hija l-bini li sar fuqha minn u bi spejjeż tal-istess LLC. M'hemmx kontestazzjoni li l-iżvilupp sar bla ma nħarġu l-permessi meħtieġa għall-iżvilupp, għalkemm jidher li nbdew wara li LLC ħallset il-kontribuzzjoni li l-awtorita' kompetenti dak iż-żmien – it-Taqsima tal-Kontribuzzjonijiet fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi – talbet lill-applikant Carabott biex jagħmel hekk;

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti mhux kontestati, l-Qorti tqis li dak li tilminta minnu LLC ma jista' qatt jaqa' fil-parametri ta' **ksur ta' jedd imħares mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**. Ma sar jew m'huwa maħsub li jsir l-ebda

teħid obbligatorju tal-ġid ta' LLC. Lanqas ma huwa maħsub li jinkiseb b'mod obbligatorju xi interess jew dritt fuq il-ġid tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, n-nuqqas ta' ħruġ ta' permess għall-iżvilupp mill-awtorita' kompetenti ma jissarrafx f'teħid tal-pussess tal-ġid li fuqu jkun maħsub li jsir dak l-iżvilupp;

Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li LLC tassew ġarrbet xi ksur tal-jeddijiet tagħha taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni** LLC tqis li n-nuqqas ta' ħruġ tal-permess tal-bini jissarraf f'ċaħda mill-possedimenti tagħha. Ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjeta'. Kemm hu hekk "*the word 'possessions' ... indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions.* ***The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest***"[35];

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull persuna għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd m'għandu jiġi mċaħħad mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti mil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali, jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni. Fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-

[35] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights, (Butterworths, 1995) paġġ. 517

ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Illi minn kliem l-imsemmi artikolu joħroġ sewwa li l-Konvenzjoni tagħti s-setgħa lill-Istat li jirregola l-użu li persuna tista' tagħmel minn ħwejjiġha. B'mod partikolari dak l-artikolu juri li persuna m'għandhiex jedd findamentali li tinqeda bi ħwejjiġha assolutament kif trid, jew li tinqeda bi ħwejjiġha bi ksur tal-liġi[36];

Illi minbarra dan, l-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni jħares biss dawk il-possedimenti li jkunu diġa' fil-pussess tal-parti mġarrba u ma jestendix għal dak li l-parti mġarrba tkun tixtieq jew taspira li tikseb. Kemm hu hekk jingħad li "*The Convention protects an applicant's existing possessions against interference. It is not a right to be put into the possession of things one does not already have, however strong the individual's interest in doing so may be*"[37]. B'dan il-kliem il-Qorti tifhem li l-azzjoni ta' LLC trid titqies biss dwar l-art li hija tagħha u mhux ukoll dwar xi permess tal-iżvilupp li hija temmen li kellu jinħarġilha. Fl-ebda waqt minn meta tressqet l-applikazzjoni għall-bini tal-art f'Ħal Għaxaq sal-lum ma nħareġ tali permess. Jekk tali permess ma eżistiex, wisq anqas seta' qatt ikun hemm pussess tiegħu għall-finijiet tal-imsemmi artikolu. Kemm hu hekk, LLC tibni l-argument ewlieni tagħha fuq l-aspettativa li tnisslet fiha għall-ħruġ tal-permess liema aspettativa hija tqis daqslikieku kien il-pussess attwali;

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni.

---

[36] P.A. Kost. GCD **29.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Saliba et vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***
[37] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit*, paġġ. 519

B’mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f’dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita’ u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta’ dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa’[38] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b’sensiela ta’ prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b’qari ma’ xulxin[39]. Liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jirregola l-mod kif il-ġid tal-privat jintuża għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f’soċjeta’ demokratika. Imma dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

Illi ta’ min jgħid li l-imsemmi artikolu jirreferi għall-**interess** pubbliku jew ġenerali, u mhux għas-**skop** pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol u jħoll u jorbot jekk għamil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali[40]. Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew ġenerali jinstabx huwa dak li jqis jekk f’għamil partikolari joħroġx il-“*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual’s fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1*”[41];

Illi huwa stabilit li biex indħil fit-tgawdija tal-ġid ta’ persuna jkun ġustifikat fl-interess ġenerali, irid jintwera li hemm utilita’ konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipotesi

[38] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[39] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) , § 61
[40] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu’ et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) (kawża dwar esproprju ta’ post biex jintuża bħala banka tal-lottu)
[41] ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik.Nru. 7151/75), § 69

ta' bżonn jew aspirazzjoni[42]. Minbarra dan, l-interess ġenerali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna[43];

Illi huwa mgħallem li, għall-finijiet ta' l-artikolu 1, "*there will be deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. ... In the absence of a formal extinction of the owner's right, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a 'deprivation' for the purposes of Article 1/2.* De facto *takings are generally understood to occur when the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title*."[44] Minbarra dan, huwa aċċettat li s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b'liġi jikkontrolla l-użu tal-ġid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem tibqa' l-ħtieġa li jintwera (mill-istess Stat) l-interess ġenerali u l-bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita'[45];

Illi hawnhekk jiksbu siwi qawwi d-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Dawn jitolbu li l-istat juri l-għan leġittimu għall-miżura li jkun wettaq u miegħu r-rabta tal-proporzjonalita' bejn miżura bħal dik u l-għan maħsub li jintlaħaq biha[46];

Illi fil-każ li għandna quddiemna, LLC tgħid li bir-rifjut min-naħa tal-MEPA li toħroġ il-permessi tal-bini li kienet applikat għalihom, hija qiegħda ġġarrab l-effetti ta' miżura li tonqos minn tali rabta. Dan ġara għaliex bla ma ngħatat raġuni li tiswa, u minkejja l-ħlas tal-kontribuzzjoni li ntalbet tagħmel, LLC issa sejra ġġarrab konsekwenzi drastiċi fi ħwejjiġha jekk kemm-il darba MEPA tibqa' miexja 'l quddiem biex teżegwixxi l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq;

---

[42] Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[43] Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Beżżina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet***
[44] Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. Cit.* , paġġ. 527-8
[45] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de' Petri Testaferrata Boniċi Ghaxaq vs L-Avukat Ġenerali et***
[46] Q.E.D.B. **21.2.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***James vs Renju Unit*** (Applik.Nru. 8793/79), § 50

Illi r-raġuni mogħtija mill-MEPA għan-nuqqas ta' ħruġ tal-permessi kienet li LLC ħallset il-kontribuzzjoni tard wara numru ta' snin minn meta ntbagħtilha l-kont. Kif sewwa targumenta LLC, raġuni bħal din ma toħroġ minn l-ebda liġi fis-seħħ fiż-żmien rilevanti[47]. Minkejja dan, huwa fatt li sa ma l-każ għadda f'idejn il-MEPA (effettivament fl-1993) ma kien inħareġ l-ebda permess favur LLC. Lanqas ma għandu jintesa li, sa mill-1987, kien hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati proċeduri kontra l-applikant Carabott dwar il-bini mtella' mingħajr permess. Dawk il-proċeduri kienu twaqqfu mill-MEPA meta ma kien qiegħed jintwera l-ebda progress, u l-MEPA nqdiet mis-setgħat mogħtijin lilha bil-liġi li taħtha twaqqfet – l-Att I tal-1992 (Kap 356) – biex bdiet il-proċedura għall-ħruġ tal-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq. LLC kienet taf ukoll[48] li l-bini kien beda jsir u tkompla meta ma kienx għad inħareġ il-permess u qatt ma ntwera li hija kienet talbet biex tissanzjona dak il-bini;

Illi l-Qorti tagħraf li l-Istat għandu s-setgħa li ma jħallix li jitla' bini jekk mhux wara li jinħarġu l-permessi u dan bil-għan li kull żvilupp ikun jaqbel mal-pjanijiet regolaturi li, minn żmien għal żmien, jitfasslu biex jirregolaw kif u fejn jista' jsir bini f'xi parti minn pajjiżna. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju li pjani regolaturi jaspiraw li jsiru fl-interess pubbliku u għall-ħarsien tal-ambjent u daqstant ieħor li jħarsu l-interess ġenerali tal-komunita'[49]. B'mod partikolari, jekk l-għan ta' pjan regolatur huwa li ma jkunx hemm bini fuq biċċa art, miżura rimedjali li tfittex biss li terġa' ġġib l-i*status quo ante* billi twaqqa' dak il-bini u xejn aktar bl-ebda mod ma tista' titqies li tonqos mill-proporzjonalita' bejn l-għan u l-miżura[50];

Illi minbarra dan, il-Qorti ma taqbilx ma' LLC li l-fatt li sar il-ħlas tal-kontribuzzjoni minnha mitlub ifisser il-ħruġ awtomatiku tal-permess meħtieġ. Jingħad x'jingħad mix-xhieda mressqa minn LLC, lanqas fiż-żmien li sar il-ħlas

---

47 Xhieda ta' Joseph Farruġia 2.5.2005, f'paġ. 185 tal-proċess
48 Xhieda ta' Michael Axisa 7.2.2007, f'paġġ. 232 – 3 tal-proċess
49 Q.E.D.B. **12.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Chapman vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 27238/95) § 82
50 Kost. **20.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.539**), liema prinċipju kien segwit b'approvazzjoni mill-Q.E.D.B. **8.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba vs Malta*** (Applik. Nru. 4251/02) §§ 46 - 7

minnha tal-kontribuzzjoni mitluba ma kien il-każ li dejjem u invarjabilment jinħareġ il-permess għall-bini[51]. Intwera wkoll li kien hemm każijiet fejn il-permess ma kienx inħareġ minkejja li jkun sar il-ħlas[52]. Illum il-ġurnata, taħt il-liġi fis-seħħ dwar l-ippjanar, il-ħlas ta' biċċa l-kbira mid-drittijiet marbuta ma' applikazzjoni għal żvilupp isir saħansitra hekk kif titressaq l-applikazzjoni għal tali żvilupp;

Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jwasslu lill-Qorti biex issib li ma tirriżultax mistħoqqa l-pretensjoni ta' LLC li l-ħlas min-naħa tagħha (imqar jekk wara talbiet ripetuti mifruxa fuq medda ta' snin) tal-kontribuzzjonijiet għall-approvazzjoni tal-applikazzjoni tagħha jikkostitwixxi l-ħruġ effettiv tal-permess li hija kienet teħtieġ;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-kumpannija rikorrenti ma wrietx li ġarrbet xi ksur tal-jedd tagħha lanqas taħt dan l-artikolu tal-Konvenzjoni;

Illi **<u>l-ilment dwar in-nuqqas ta' smigħ xieraq</u>** jinstilet mill-fatt li LLC tgħid li t-talba tagħha għall-ħruġ tal-permessi ma kienet miċuda qatt u dan żammha milli tista' tikkontesta ċaħda bħal dik quddiem l-organi kompetenti (jiġifieri dritt ta' aċċess għal qorti jew tribunal dwar jedd jew obbligazzjoni ċivili), u wkoll mill-fatt li għal żmien twil l-MEPA baqgħet ma ħarġitx ċaħda jew approvazzjoni għat-talba għall-ħruġ tal-permessi mitlub (dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli). Dan l-ilment ta' LLC jinbena, għalhekk, fuq żewġ kawżali;

Illi LLC tqis li ġarrbet ksur kemm taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-ħarsien dwar smigħ xieraq fejn tidħol deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili;

Illi LLC targumenta b'qawwa li ċ-ċaħda jew l-approvazzjoni ta' permess għall-bini huma għemejjel li jaqgħu sewwa taħt it-tifsira ta' "deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u

[51] Affidavit ta' John Żerafa Dok "JŻ", f'paġ. 195 tal-proċess
[52] Dok "Ġ", f'paġġ. 23 – 5 tal-proċess

ta' l-obbligi" kif maħsuba fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni. Għal dan l-argument, l-intimati ftit li xejn ressqu sottomissjonijiet ta' fejda;

Illi f'dan ir-rigward inkiteb li "*The Court, building on continental legal theories, has drawn a distinction between 'civil rights and obligations' and public law disputes, and has held that the latter are not covered by Article 6; these have traditionally included disputes concerning issues such as immigration and asylum, extradition, taxation, aspects of public employment, and others. ... This distinction is, however, in constant flux and will therefore require careful analysis on a case-by-case basis. ... In the context of 'civil rights and obligations', Article 6 only applies if there is a 'dispute' or* contestation *which is directly decisive of that right, and only where that right is one that is – at least arguably – recognised by domestic law. The Court has made it clear that Article 6 will not assist to create a 'civil right' where none exists under domestic law. It is not enough if there is a 'tenuous connection' between the dispute and the civil right, the determination of the existence of the right and/or its nature and extent must be the object – or at least one of the objects – of the dispute. Article 6 does not apply to the exercise of an administrative decision-making power by a public authority itself, but only to any dispute arising therefrom*"[53];

Illi l-atti ta' din il-kawża juru sewwa li l-qofol tal-kwestjoni bejn LLC u l-MEPA hija dwar għamil (konsistenti f'deċiżjoni, jew aħjar, nuqqas ta' deċiżjoni) ta' natura amministrativa. F'każ bħal dan u fejn l-għamil jolqot drittijiet tal-applikant li huma ta' bixra "pekunjarja"[54], l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jorbot lill-Istat li jipprovdi mekkaniżmu li bih il-parti mġarrba minn xi deċiżjoni amministrativa tista' tikkontesta għamil bħal dak quddiem tribunal jew qorti li tħaddan il-garanziji ta' Qorti imparzjali u indipendenti kif maħsub fl-istess artikolu. Jiġifieri,

[53] Gordon, Ward & Eicke *The Strasbourg Case Law* (2001), paġ. 366

[54] Ara Q.E.D.B. **26.3.92** fil-kawża fl-ismijiet ***Editions Periscope vs Franza*** (Applik. Nru. 11760/85) §§ 40 u Q.E.D.B. **28.6.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Konig vs RepubblikaFederali tal-Ġermanja*** (Applik. Nru. 6232/73) §§ 89 – 95 (din tal-aħħar kienet tirrigwarda każ ta' rtirar ta' liċenza biex wieħed jaħdem bħala tabib)

jiggarantixxi dritt ta' aċċess għal qorti jew tribunal indipendenti b'setgħa sħiħa fid-dritt u fil-fatt li jisma' l-ilment tal-persuna mġarrba u li jista' jagħti rimedju effettiv f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' tali jedd jew obbligazzjoni ċivili u dan fi żmien xieraq u raġonevoli. Iżda dak l-artikolu ma jgħoddx fejn joħroġ ċar li l-persuna mġarrba ma jkollhiex "jedd ċivili" li dwaru tista' tqum il-kwestjoni[55];

Illi wara li qieset sewwa l-atti tal-każ, il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa mistħoqq l-ilment ta' LLC safejn dan iqis li n-nuqqas ta' deċiżjoni 'l hawn jew 'l hinn min-naħa tal-MEPA dwar jekk għandhiex tilqa' t-talba tagħha għall-ħruġ tal-permess tal-bini kien qiegħed iżommha milli tfittex u tikseb rimedju. Dan jingħad minħabba l-fatt li sa minn qabel ma nħarġet l-ittra mill-Perit Ċilia f'Ottubru tal-1996, LLC setgħet u kellha kull jedd li tressaq talba quddiem il-Qorti ċivili sewwasew għal deċiżjoni dwar dan l-atteġġament tal-MEPA. Meta, mbagħad, inħarġet l-imsemmija ittra jidher li l-opportunita' għal dak l-aċċess kotrot u mhux naqset għaliex jekk inhu minnu li l-Perit Ċilia ma kellux (kif tippretendi LLC) s-setgħa li jieħu hu d-deċiżjoni dwar jekk kellux jinħareġ il-permess tal-bini, allura LLC kellha iżjed għaliex tressaq l-azzjoni xierqa quddiem il-Qorti kompetenti biex tattakka dik id-deċiżjoni. Tali aċċess għall-qorti ma kien jiddependi mill-kunsens ta' ħadd ieħor imma biss mir-rieda ta' LLC nnifisha;

Illi f'dawk iċ-ċirkostanzi LLC kellha, kieku hekk għażlet, il-jedd li tieħu l-inizzjativa hija stess biex tikseb ir-rimedju mistħoqq quddiem il-Qorti u mhux toqgħod twaħħal fl-inattivita' tal-MEPA. Minbarra dan, ir-rimedju li LLC kellha għad-dispożizzjoni tagħha kien wieħed li jissoddisfa l-vot tal-artikolu 6(1) safejn jirrigwarda l-jedd ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali[56];

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, jifdlilha tqis biss jekk it-tieni kawżali dwar l-allegat ksur tal-jedd ta'

---

[55] Q.E.D.B. **12.2.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Powell and Rainer vs Renju Unit*** (Applil. Nru. 9310/81) §§ 35 -6 u Q.E.D.B. **11.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Sultana vs Malta*** (Applik. Nru. 930/04)

[56] Ara Q.E.D.B. **27.11.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Oerlemans vs l-Olanda*** (Applik. Nru. 12565/86) § 54; u Q.E.D.B. **21.9.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Zumtobel vs Awstija*** (Applik. Nru. 12235/86) § 32 (iż-żewġ sentenzi kienu jirrigwardaw aċċess għal qorti dwar deċiżjonijiet amministrativi dwar użu ta' art jew bini)

smigħ xieraq – jiġifieri dak dwar dewmien mhux raġonevoli – jirriżultax. Dwar dan l-aspett jidher li LLC tilminta mid-dewmien li ħadet il-MEPA biex tagħti tweġiba jekk kinitx sejra tilqa' t-talba tagħha għall-ħruġ tal-permess. Fi kliem ieħor, LLC tgħabbi lill-MEPA b'dewmien biex tiddeċiedi. Iżda l-MEPA bl-ebda mod ma tikkwalifika bħala qorti jew tribunal fid-determinazzjonijiet tagħha ta' xi jeddijiet jew obbligi li jolqtu l-interessi ta' persuna li tressaq applikazzjoni quddiemha[57]. Minħabba f'hekk, il-Qorti ma tistax issib li hemm ksur lanqas taħt din it-tieni kawżali tal-ilment ta' LLC;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li l-kumpannija rikorrenti wriet li ġarrbet ksur tal-jedd tagħha dwar smigħ xieraq la taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u lanqas taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi, fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, joħroġ li ladarba t-talbiet l-oħrajn tal-kumpannija rikorrenti (jiġifieri dik biex il-Qorti tordna li jinħareġ il-permess tal-bini, l-oħra għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba u l-oħra biex tagħti kull rimedju ieħor xieraq) huma direttament konsegwenzjali għal u jiddependu minn jekk l-ewwel talba tintlaqax jew le, din il-Qorti m'għandhiex tqishom. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-verbal magħmul mill-partijiet waqt is-smigħ tal-20 ta' Ottubru, 2004;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-Awtorita' intimata, bl-ispejjeż;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali** u tiddikjara li m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, u b'hekk teħilsu milli jibqa' fil-kawża bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tal-Awtorita' intimata u b'hekk **tiċħad l-ewwel talba** tal-kumpannija rikorrenti u ssib li ma

[57] Q.E.D.B. **29.4.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Belilos vs Svizzera*** (Applik. Nru. 10328/83) § 64

ntweriex li l-kumpannija rikorrenti ġarrbet ksur tal-jeddijiet tagħha għat-tgawdija tal-possedimenti tagħha taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u lanqas tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

**Tastjeni milli tqis it-talbiet l-oħrajn** tar-rikorrenti, ladarba dawn jiddependu mill-eżitu tal-ewwel talba; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija rikorrenti tħallas **l-ispejjeż tal-kawża** minbarra dawk relativi għall-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' intimata, li għandha tħallashom l-istess Awtorita' intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------